**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM il-Ħamis, 31 ta' Ottubru, 2019**

**Kawża Nru. 12 Kost**

**Rik. Nru. 44/17 JRM**

Emanuel **HAYMAN** u martu Monica Hayman

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI** u b'digriet tat-3 ta' Ottubru, 2017 ġew imsejħa fil-kawża Mary u Alfred Caruana, Emanuela armla minn Andrew Psaila, William u Josephine Hayman, Josephine u Alfred Ċiantar, Doris Montebello u Angela armla ta' Paul Montebello u żewġha Paul; Jason, Alyce mart Darren Vella u Tyrone, aħwa Psaila, ulied il-mejjet Andrew; u Josianne, Melanie u Ramona mart Marco Esposito, aħwa Montebello, ulied il-mejjet Paul

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta' Mejju, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrenti talbu li din il-Qorti (1) ssib li huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal- Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") b'riżultat ta' sentenza mogħtija mill-

Qorti tal-Appell fit-30 ta' Jannar, 2017, fl-atti tar-Ritrattazzjoni tal-kawża numru 1665/1999 fl-ismijiet "*Emanuel Hayman u martu Monica Hayman vs Mary Caruana u żewġha Alfred, Emanuela Psaila u żewġha Andrew, Doris Haymen u Angela Montebello u żewġha Paul*" u (2) konsegwentement tgħaddi sabiex tagħti dawk l-provvedimenti u rimedji li hija jidhrilha opportuni u xierqa, magħdud dak ta' risarċiment finanzjarju. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Ġunju, 2017[1] li bih appuntat il-kawża għas-smigħ tat-28 ta' Ġunju, 2017;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fid-19 ta' Ġunju, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex mistħoqq għaliex is-sentenza li dwarha tressaq l-ilment kienet motivata kif imiss u li r-rimedju ta' ksur ta' jedd fundamentali dwar smigħ xieraq mhuwiex mogħti li xi parti f'kawża li ma jkunx jogħġobha dak li xi qorti tkun qalet f'sentenza li tkun saret ġudikat. Żied jgħid li l-liġi ma tagħtix rimedju ta' appell minn ritrattazzjoni ta' sentenza mogħtija fi grad tal-appell;

Rat in-Nota tar-rikorrenti mressqa fit-3 ta' Awwissu, 2017[2], li biha iċċaraw li r-rimedju mitlub minnhom f'din il-kawża jgħodd fih it-tħassir tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Jannar, 2017, u għalhekk kien jixraq li jissejħu fil-kawża wkoll xi partijiet li kienu f'dak il-ġudizzju;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2017[3] li bih ordnat is-sejħa fil-kawza ta' Mary u Alfred Caruana, Emanuela armla minn Andrew Psaila, William u Josephine Hayman, Josephine u Alfred Ċiantar, Doris Hayman u Angela armla minn Paul Montebello u kif ukoll ta' Jason, Alyce mart Darren Vella u Tyrone, aħwa Psaila, wlied il-mejjet Andrew; u ta' Josianne, Melanie u Ramona mart Marco Esposito, ahwa Montebello ulied il-mejjet Paul;

Rat it-Twegiba mressqa mill-imsejħa fil-kawża Doris Hayman fit-13 ta' Novembru, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra warrbet it-talbiet tar-rikorrenti u saħqet li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell kienet miktuba sewwa u motivata kif jixraq. Hija tgħid li l-imsemmija sentenza ma tikser bl-ebda mod xi jedd għal smigħ xieraq tar-rikorrenti;

Rat it-Twegiba mressqa mill-imsejħin fil-kawża l-oħrajn fl-20 ta' Novembru, 2017 li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra laqgħu billi, fl-ewwel lok, qalu li din il-kawża hija waħda fiergħa u vessatorja, maħsuba biss biex

1 Paġ 25 tal-proċess
2 Paġ 68 tal-proċess
3 Paġ 69 tal-proċess

isservi bħala r-raba' grad bit-tama li tipprova twaqqa' tliet (3) sentenzi mogħtijin fi gradi differenti u li kollha nqatgħu kontra r-rikorrenti. Żiedu jgħidu li din l-azzjoni hija għal kollox infondata fil-liġi u fil-fatt, billi meta wieħed jifli sewwa s-sentenza li minnha r-rikorrenti jilmintaw li ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom, għandu jsib li l-Qorti tal-Appell stħarrġet b'reqqa xierqa l-aggravji kollha tagħhom u ħaddmet sewwa l-liġi li kienet tgħodd għall-każ. Bl-istess mod li l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza attakkata, sabet li t-talba għar-ritrattazzjoni kienet fiergħa u vessatorja. Fl-aħħarnett, qalu li safejn ir-rikorrenti qegħdin jitolbu r-rimedju ta' risarċiment fi flus, l-imsejħin fil-kawża m'għandhomx jinżammu responsabbli għal dan, ladarba huma ma taw l-ebda sentenza li minnha seta' tnissel l-ilment tar-rikorrenti. Itemmu jgħidu li, din il-Qorti għandha ssib li l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda fiergħa u magħmula biss biex iddejjaq, u b'hekk għandha tħaddem ir-regola li tinsab fl-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni jew fl-artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Diċembru, 2017[4] li bih ordnat li kunjom il-imsejħa fil-kawza Doris Hayman jinbiddel għal Montebello;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Frar, 2018[5] li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u awtorizżat lill-partijiet sabiex jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fis-26 ta' Lulju, 2018[6];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-intimati l-Avukat Ġenerali fis-7 ta' Settembru, 2018[7];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-imsejħin fil-kawża l-oħrajn minbarra Doris Montebello waqt is-smigħ tal-31 ta' Jannar, 2019[8];

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Marzu, 2019[9], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza wara li semgħet l-Avukat tal-imsejħa fil-kawza Doris Montebello jiddikjara formalment li qed jassocja ruħu mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-intimat u mill-imsejħin fil-kawża l-oħrajn u awtorizżat lir-rikorrenti jressqu nota ta' riferenzi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[4] Paġ 82 u 83 tal-proċess
[5] Paġ 84 tal-proċess
[6] Paġ 89 sa 100 tal-proċess
[7] Paġ 103 sa 112 tal-proċess
[8] Paġ 117 sa 120 tal-proċess
[9] Paġ 123 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni, r-rikorrenti qed jgħidu li ġarrbu ksur ta' jedd fundamentali dwar smigħ xieraq minħabba li l-Qorti tal-Appell bis-sentenza tagħha tat-30 ta' April, 2017, f'azzjoni ta' ritrattazzjoni mitluba mill-istess rikorrenti, naqset li tqis sensiela ta' ilmenti li r-rikorrenti ressqu quddiem dik il-Qorti. Huma jgħidu li, minħabba f'hekk, ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq u qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tagħtihom rimedju xieraq, magħdud il-kumpens fi flus;

Illi l-intimat u l-imsejħin fil-kawża laqgħu għall-imsemmija azzjoni billi qanqlu numru ta' eċċezzjonijiet fil-mertu. L-intimat Avukat Ġenerali jgħid li mhux minnu li fis-sentenza tat-30 ta' April, 2017, tonqos motivazzjoni xierqa u jiċċita mill-istess sentenza minn fejn joħorġu l-konsiderazzjonijiet li tat il-Qorti tal-Appell għall-ilmenti tar-rikorrenti. Jkompli jgħid li din il-Qorti ma tistax tqis ilmenti marbuta mar-raġunijiet ta' ritrattazzjoni. Jixli lir-rikorrenti li ma fissrux b'liema mod ir-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni ġew miksura mill-ewwel qorti, kif ukoll li tali ilmenti messhom tressqu quddiem il-Qorti tal-Appell u mhux f'dan l-istadju, għaldaqstant jistieden lill-Qorti li ma teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha skond l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319;

Illi l-imsejħin fil-kawża jiċħdu x-xiljiet tar-rikorrenti w jixluhom li għal darb'oħra fetħu proċeduri fiergħa. Bħall-intimat Avukat Ġenerali, jispjegaw il-mod kif il-Qorti tal-Appell indirizzat l-ilmenti tar-rikorrenti u jitolbu (għajr għal Doris Hayman) li jinħelsu mill-osservanza tal-ġudizzju;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti, il-Qorti sejra tagħmel tagħha l-fatti kif miġbura mill-abbli avukat ta' l-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali fis-sottomissjonijiet tiegħu. Fid-19 ta' Lulju, 1999[10], ir-rikorrenti fetħu kawża din il-Qorti fil-kompetenza ordinarja tagħha biex jitolbuha ssib ma jiswiex it-testment magħmul minn Maria Carmela Hayman (omm ir-rikorrent u omm uħud mill-imsejħin fil-kawża) fl-24 ta' Novembru, 1997, u dan minħabba vizzju ta' kunsens billi sar taħt pressjoni mhux xierqa fuq l-istess testatriċi. L-imsejħin fil-kawża laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, fost oħrajn, qajmu l-eċċezzjoni ta' xejra preliminari dwar il-leġittimità passiva tagħhom fil-kawża. Qajmu wkoll eċċezzjonijiet fil-mertu billi saħqu li t-testment kien jiswa u li ma kienx minnu li t-testatriċi għamlet it-testment tagħha taħt tehdid;

[10] Ċit. Nru. 1665/1999JRM

Illi b'sentenza mogħtija fis-6 ta' April, 2011, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, għar-rtaġunijiet hemm imfissra, sabet li l-atturi ma kienx seħħilhom juru tajjeb biżżejjed li t-testment ta' Maria Carmela Haymen kien milqut minn xi nuqqas li kien iġib in-nullità tiegħu;

Illi minn dik is-sentenza, l-atturi ressqu appell billi baqgħu jisħqu li t-testment ma kienx jgħodd. Il-Qorti tal-Appell, b'sentenza tas-6 ta' Frar, 2015[11], u għar-raġunijiet hemm imfissra, ikkonfermat għal kollox is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti (r-rikorrenti tallum);

Illi l-atturi nedew proċeduri ta' ritrattazzjoni biex jitolbu li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell titħassar u terġa' ssir it-trattazzjoni mill-ġdid tal-appell tagħhom. Huma xlew lill-Qorti tal-Appell b'applikazzjoni ta' liġi ħażina u li l-istess sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti tal-kawża. Għaldaqstant talbu lil dik il-Qorti biex tisma' l-appell mill-ġdid;

Illi bis-sentenza tat-30 ta' Jannar, 2017[12], (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza") u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti ritrattandi, ikkundannathom iħallsu l-ispejjeż tal-kawża, u kif ukoll l-ispejjeż addizzjonali ta' ħames mitt ewro (€500) billi qieset it-talbiet ritrattandi bħala fiergħa;

Illi fit-30 ta' Mejju, 2017, infetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-każ taħt eżami, jidher li l-ilment tar-rikorrenti huwa li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Jannar, 2017, naqset li tipprovdi motivazzjoni għall-konklużjonijiet li waslet għalihom. Ir-rikorrenti jixlu lill-Qorti tal-Appell li naqset li tikkonsidra l-punti legali mqajma quddiemha, kif ukoll il-mod kif dawn ġew meqjusa[13]. Fil-qosor, l-argumenti tar-rikorrenti li l-Qorti naqset li tikkonsidra huma tlietaq: jiġifieri, fl-ewwel lok, jekk l-istat ta' ritrattazzjoni għandux ikun miftuħ għal kawżali ġodda, ladarba fis-sistema proċedurali Malti ma hemmx il-proċedura tal-kassazzjoni; fit-tieni lok, jekk ir-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni[14] għandhomx jitqiesu bħala parti mil-liġi; u fit-tielet lok, jekk dawn id-disposizzjonijiet ġewx imħarsa waqt il-proċeduri;

[11] Dok. "AG1" f'paġġ. 31 sa 50 tal-proċess
[12] Dok. "AG2" f'paġġ. 51 sa 62 tal-proċess
[13] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti f'paġġ. 94 *et seq* tal-proċess
[14] Riferenza għall-A.L. 279/08 (L.S. 12.09)

Illi huwa aċċettat li din il-Qorti, fis-setgħat partikolari kostituzzjonali tagħha, m'hijiex miżmuma milli taqta' u tiddeċiedi, meta jkun il-każ, jekk xi qorti oħra tkunx kisret xi jedd fundamentali ta' persuna kemm b'xi pronunċjament tagħha, kemm b'xi mġiba partikolari waqt is-smigħ, kemm b'xi ksur tar-regoli essenzjali tal-proċediment li jkun inżamm quddiemha, u kif ukoll dwar xi nuqqas kostitutiv tagħha li b'xi mod jikser il-jedd ta' smigħ xieraq. Naturalment, stħarriġ bħal dan ma jibdilx lil din il-Qorti f'qorti li twettaq is-setgħat proprji tal-qorti li tkun mistħarrġa, liema setgħat huma merfugħa mil-liġi għal dik il-qorti partikolari[15];

Illi fuq dan il-punt, l-awturi[16] jgħidu "*The right to a fair hearing, which is one such Convention right, has, as its wording generally suggests, been interpreted as providing only a procedural, not a substantive, guarantee. Accordingly, the Court will intervene in respect to 'errors of fact or law' by a national court only insofar as they bear upon compliance with the procedural guarantees in Article 6: it does not intervene under Article 6 because they affect the 'fairness' of the national court decision on its merits*";

Illi huwa f'dawn it-termini li sejra tqis l-ilment tar-rikorrenti. Għalhekk, din il-Qorti mhijiex sejra tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qorti tal-Appell, għaliex dan mhuwiex ix-xogħol li trid tagħmel biex tistħarreġ l-ilment ta' ksur tal-jedd fundamentali msemmi minnhom. Il-każ imressaq mir-rikorrenti jrid jitqies biss fil-parametri ta' ksur tad-dritt għal smigħ xieraq kif sejjer jingħad aktar 'il quddiem;

Illi, għal dak li jirrigwarda l-mertu tal-ilment tar-rikorrent jidher li huma jibnu l-azzjoni tagħhom fuq id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Safejn huwa rilevanti għall-każ tal-lum, l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni[17] jipprovdi li "*Id-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi*";

Illi l-jedd għal smigħ imparżjali jew smigħ xieraq jeżiġi fost oħrajn, li sentenza mogħtija minn qorti tkun motivata[18]. Fi kliem l-istess awturi[19], ir-raġunijiet wara tali obbligu huma tlieta: "*The requirement of a 'fair' hearing also supposes that a court will give reasons for its judgment…. Whereas national courts are allowed considerable discretion as to the structure and content of their judgments, they must 'indicate with sufficient clarity the*

[15] Kost. **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol; **LXXXV.i.239**)
[16] Harris, O'Boyle & Warbrick European Convention on Human Rights, (2nd. Edit, 2009) paġ. 202
[17] L-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319
[18] Q.E.D.B. **29.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Saliba vs Malta*** (Applik. Nru. 24221/13), § 73
[19] *Op. cit.*, paġ. 268

*grounds on which they base their decision' so as to allow a litigant usefully to exercise any available right to appeal. Further justifications for the need for a reasoned judgment are the interest of a litigant in knowing that his or her arguments have been property examined, and the interest of the public in a democratic society in knowing the reasons for judicial decisions given in its name*";

Illi dan l-obbligu jissarraf billi, fost oħrajn, l-argumenti prinċipali tal-partijiet jiġu mistħarrġa[20]. Ingħad ukoll li "*The detail into which the statement of the reason must go is, therefore, determined by what an effective remedy against the decision requires in each particular case*"[21];

Illi applikati dawn il-prinċipji għal każ li għandha quddiemha, il-Qorti jirriżultalha li t-talbiet tar-rikorrenti m'humiex mistħoqqa. Minn qari tas-sentenza li r-rikorrenti jilmentaw minnha, il-Qorti ssib li t-tliet argumenti ewlenin tar-rikorrenti ġew mistħarrġa, b'mod xieraq u sistematiku, bl-għoti ta' raġunijiet għaliex u safejn dik il-Qorti qablet jew ma qablitx mar-ritrattandi. Għal kull argument, il-Qorti resqet l-osservazzjonijiet tagħha u ingħataw ukoll raġunijiet ċari u loġiċi għaliex ma kinetx ser tilqagħhom;

Illi min-naħa l-oħra, il-fatt li l-argumenti tar-rikorrenti ma ġewx milqugħa, ma jfissirx li b'daqshekk twettaq ksur tal-jeddijiet tagħhom għal smigħ xieraq;

Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tintilef fi stħarriġ mirqum tal-ħames eċċezzjoni preliminari mqajma mill-imsejħin fil-kawża dwar jekk l-intimati humiex il-kontradittturi leġittimi tal-azzjoni attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** u ssib li r-rikorrenti ma ġarrbu l-ebda ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni deċizi fit-30 ta' Jannar, 2017;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi hija konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

[20] Q.E.D.B. **24.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Buzescu vs Rumanija*** (Applik. Nru. 61302/00), §67; u Q.E.D.B. **7.3.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Donadze vs Georgia***,(Applik. Nru. 74664/01), §35

[21] Ara Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak, Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) §10.6, pġ. 595

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**31 ta' Ottubru, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**31 ta' Ottubru, 2019**